A.L. 223 ta' l-2005

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskeda ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskeda ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

Emenda ta' l-Iskeda.

2. Minnufih wara partita 15 ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:–

"16. *Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur* (Avviż Legali 476 ta' l-2004)

Regolamenti 14, 15 (3), 18 (1) (2), 19, 21, 22, 23, 26, 34 (2) (4) (5), 35, 37 u paragrafi (b) (ċ) (d) (e) (f) (g) (h) (i) (j) u (k) tas-subregolament (7) tar-regolament 51.".